OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru EV 0020**

9 ta' Novembru 2021

L-Onorevoli Dr Angelo Farrugia
*Speaker*
Kamra tar-Rappreżentanti
Pjazza Ħelsien
Valletta VLT 1111

Onorevoli *Speaker*

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħed nibgħat kopja tal-Opinjoni Finali flimkien ma' korrispondenza oħra relevanti għall-każ, biex dawn jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti wara investigazzjoni relatata mal-awtorizzazzjoni ta' *un/loading bay* minn Transport Malta.

Din l-Opinjoni Finali irrakkomandat li l-awtorizzazzjonijiet ta' Transport Malta għandhom ikunu kompatibbli mad-deċiżjonijiet ta' ippjanar fis-sens illi jekk l-Awtorità tal-Ippjanar toħroġ kundizzjoni li ma ssirx *un/loading* fit-triq għal ċertu żvilupp, Transport Malta ma tistax tawtorizza *un/loading bay* fit-triq għall-istess żvilupp billi b'hekk l-istess entità tkun qed tinstiga ksur tal-permess ta' żvilupp.

Transport Malta ma laqetx ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju.

Insellimlek

A C Mifsud
Ombudsman

Dokumenti annessi

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt